**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jesmond Zarb**

**Seduta: Distrett Valletta**

**Illum 2 ta' Novembru, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Jesmond Zarb** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 130264 (M) billi huwa akkuzat talli nhar is-26 ta' Lulju, 2016, ghall-habta ta' 14.30hrs u 14.45hrs, gewwa l-Isptar Sir Paul Boffa, Sqaq Harper, il-Furjana:

1) Kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

2) Ghamel lil Miriam Genuis inġurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

3) Ingurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' Miriam Genuis inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienet tagħmel jew minħabba li kienet għamlet dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżaha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-imsemmija Miriam Genuis u tapplika l-provedimenti tal-Artiklu 383 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkundisrat:**

Huwa principju baziku ppratttikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex persuna tinstab hatja, l-akkuza dedotta, ghandha tigi pruvata oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Issir referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal-Appell Kriminali-deciza fid-dsatax ta' Mejju, 1997*)** gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn gie spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk dan ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Ghalhekk fil-kaz odjern din il-Qorti trid tifli dak li qalu x-xhieda sabiex tasal ghal sejbien ta' htija jew le tal-imputat.

**Ikkunsidrat;**

Il-kaz sehh fis-26 ta' Lulju 2016 gewwa l-Isptar Sir Paul Boffa, l-Furjana fejn l-imputat u l-parte civile jahdmu. Il-parte civile ghandha rwol ta' tmexxija fl-istess sptar u hija ufficjal pubbliku. Ix-xhieda tinstab traskritta u ghalhekk il-Qorti mhux se taghmel referenza ghal din ix-xiehda izda se tghaddi mill-ewwel biex tara jekk mix-xhieda prodotta jirrizultawx l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat.

<u>L-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignità; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Borg** jinghad:

> *"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, é necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualità ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a*

*patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualità ufficiale dell'oltraggiato."*

Illi minn dak li qalet l-istess Miriam Genuis li wissiet lill-imputat dwar nuqqasijiet marbuta mad-dixxiplina u l-etika fuq il-post tax-xoghol dan heddidha li kien se jmur l-"OPM u jtajjarha". Jirrizulta mix-xhieda ta' Lawrence Bonavia li Miriam Genuis hija ufficjal pubbliku inkarigata min-nursing fl-Isptar Sir Paul Boffa l-Furjana. Din il-Qorti ssibha difficli li temmen li l-imputat kellem lil Miriam Genuis bil-kelma t-tajba ghax din qabdet mieghu u kienet qieghda tindahal x'jaghmel fil-break tieghu. Din il-Qorti ghalhekk jidrilha li t-tielet imputazzjoni tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mil-ligi u l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>Artikolu 339(1)(e) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

L-Artikolu 339(1)(e) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*"jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni"*

Mill-provi prodotti f'din il-kawza tirrizulta u ghalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah.

**<u>Artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

**Ksur tal-Bon Ordni jew il-Kwiet tal-Pubbliku**:

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. Dan ma jirrizultax fil-kaz odjern u ghaldaqstant l-imputat ser jigi libertat mill-ewwel (1) imputazzjoni.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni (1) u minnha tilliberah u wara li rat l-Artikoli 95(1) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni (2) u tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah ghat-tieni (2) imputazzjoni ammenda ta' tmienja u hamsin Ewro (€58) u ghat-tielet (3) imputazzjoni multa ta' tmien mitt Ewro (€800).

Inoltre, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Miriam Genuis u tal-familjari tagħha kif ukoll sabiex tissalvagwarda l-bon-ordni pubbliku, wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali qegħda torbot lil ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena millum taħt penali t'elf euro (€1000).

**DR JOSEPH MIFSUD**
**MAGISTRAT**